MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 234/2011

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi l-attur kellu relazzjoni extra maritali mal-konvenuta C C;
2. Illi fit-23 ta’ April 2008 il-konvenuta C C welldet tarbija bl-isem ta’ X B u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 1886/2008 (Dok. A) illi fih l-attur gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmija tarbija;
3. Illi fl-ahhar xhur l-attur A B gie mgharraf minn terzi illi t-tarbija X B ma hix il-wild naturali tieghu izda wara xi zmien li bdiet din ir-relazzjoni l-attur gie mgharraf mill-konvenuta C li kienet tqila;
4. Illi meta rinfaccat b’dawn id-dubji l-attur talab konferma minghand il-konvenuta C C anke permezz ta’ test xjentifiku izda din irrifjutat;
5. Illi dana premess, hemm il-htiega illi jinhatar perit espert sabiex jaghmel it-testijiet necessarji tad-DNA

sabiex jigi stabbilit jekk l-attur hux fil-fatt il-missier naturali tal-minuri X B;
6. Illi jekk kemm il-darba, bil-hatra ta' perit nominandi jirrizulta illi l-attur ma hux il-missier naturali tal-minuri Josesphine Maria B allura hu mehtieg li jigi dikjarat illi l-minuri X B ma hix il-wild naturali u biologiku tal-attur;
7. Illi jekk hekk jirrizulta jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri X B numru 1886/2008 registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-minuri X B ma hix il-wild naturali u biologiku tal-attur A B b'lok ghalhekk illi ghandha ssir korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi f'dan is-sens;
2. tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri X B numru 1886/2008 billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tal-attur u l-istess jigu sostitwiti b'dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur:

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mil-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provudut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema

kunjom ghandha tassumi l-mimnuri X a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti insubizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi fil-kwalita indikata li in forza taghha eccepiet:

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C C proprio et noe li in forza taghha eccepiet:

1. illi c-citazzjoni hija nulla u bla effett peress illi antecedentement l-istess kawza giet proposta u ceduta u ma thallsux l-ispejjez relattivi tal-istess kawza u dan skont l-Artikolu 907(2) tal-Kap 12. Illi l-kawza l-ohra li ghaliha qed issir riferenza hija fl-istess ismijiet, Cit. numru 352/2008, mitmuma fil-15 ta' Marzu, 2011.
2. Illi din il-Qorti m'hijiex kompetenti biex tikkonsidra t-talbiet stante li l-korrezzjoni ta' Att ta' Twelid tappartjeni lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.
3. Illi c-citazzjoni kif proposta m'hijiex ta' denegata paternita` imma biex jigi attakkat certifikat tat-twelid u ma hemmx kawzali ghala din ir-registrazzjoni ghandha fil-fatt tithassar.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C Habbas proprio et nomine;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi l-kawza thalliet ghal sentenza preliminari ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza preliminari abbazi tat-tieni eccezzjoni mqajjma mill-intimata u cioe' li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza sabiex tikkonsidra t-talbiet tal-attur u cioe' bdil fic-certifikat tal-minuri X B stante li l-istess minuri mhijiex fattwalment il-wild naturali tieghu. L-intimata tikkontendi li l-kompetenza taqa' taht il-Prim'Awla u mhux quddiem din il-Qorti.

L-intimata tikkontendi li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz odjern ghaliex l-Artikolu 99 tal-Kap. 16 specifikament ma jsemmix il-kelma genitur imma l-kliem 'kull min ghandu interess', liema frazi, skond it-tezi tal-intimata ghandha tigi interpretata li tfisser ad eskluzjoni tal-genitur. *Stante* li skond it-tezi tal-intimata il-genitur huwa eskluz, allura l-kompetenza taqa' taht il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Dan tghidu wkoll abbazi tal-fatt li kien l-istess attur li rrikonoxxa lill-istess tarbija b'att tieghu u konsegwentement, dejjem skond it-tezi taghha, din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza sabiex tannulla att li sar mill-attur stess.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-attur jargumentaw anke permezz tan-noti ta' sottomissjonijiet taghhom fuq dan il-punt li l-intimata qieghda taghti interpretazzjoni zbaljata tal-ligi ghaliex dejjem kienet l-intenzjoni tal-legislatur li jaghti l-kompetenza lil din il-Qorti sabiex taqta'

u tiddeciedi kawzi simili. Jekk il-missier huwiex persuna li tista' titqies bhala persuna li ghandha interess, din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **David Grech vs Claudette Clinche** deciza nhar is-6 ta' Mejju 2010 fejn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta qalet li l-Artikolu 99 tal-Kap. 16 jaghti l-fakolta' lil kull min ghandu interess sabiex jattakka rikonoxximent tant li tiddikjara li "***ma hemm ebda dubju li l-attur jikkwalifika bhala persuna interessata***", multo magis meta rrikonoxximent tieghu sar rizultat ta' ingann ezercitat fuqu.

Din il-Qorti, b'referenza ghall-kawza hawn fuq imsemmija, ssostni li jekk min huwa mnizzel fuq ic-certifikat bhala l-missier jallega li mhux il-veru missier, jista' jkun hemm xi persuna li ghandha aktar interess sabiex tara li jsir bdil fic-certifikat relatat? Il-Qorti tara li l-interpretazzjoni hekk kif moghtija mill-intimata ma tregix ghaliex jekk hemm xi hadd li verament ghandu interess fil-kawza odjerna huwa l-missier fattwali li jikkontendi li m'huwiex. L-interess tieghu huwa wiehed ovvju u jista' jkollu riperkussjonijiet fuq diversi aspetti fil-hajja fosthom dawk finanzjarji kif ukoll testamentarji fost ohrajn.

Illi apparti minn hekk, jirrizulta bl-aktar mod car li l-artikolu citat jinsab fis-sub-titolu III tat-Titolu II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, liema azzjoni allura necessarjament taqa' taht il-kompetenza ta' din il-Qorti *ai termini* tar-regolament 4(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimata Sihab C u konsegwentement tiddikjara li din l-istess Qorti ghandha kompetenza u gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-kawza ojderna.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C C.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------